# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

## Seduta ta' nhar il-Gimgha 26 ta' April, 2019

**Rikors Numru : 517/2018 JPG**

**Kawza Numru : 31**

**RC**

**vs**

**FM**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ta' RC, datat 22 ta' Novembru 2018, a fol 1 li jaqra hekk:

1. *Illi l-kontendenti izzewgu f'Malta fl-14 ta' Dicembru 1989 (Dok. A);*

2. *Illi l-kontendenti sseparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni ppublikat fis-6 ta' Mejju 2003 in Atti Nutar Dr Margaret Heywood (Dok B);*

3. *Illi ghalhekk il-kontendenti ilhom aktar minn hmistax-il sena separati de facto u legalment, u ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-kontendenti;*

4. *Illi bejn il-kontendenti m'hemmx kwistjonijiet pendenti dwar il-manteniment;*

5. *Illi ghalhekk ai termini tal-Att XIV tal-2011, l-esponenti jixtieq jitlob id-divorzju u/jew hall taz-zwieg minn martu l-intimata;*

*Ghaldaqstant, l-esponenti titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex prevja kull dikjarazzjoni li hija mehtiega skont il-ligi:-*

1. *Tiddikjara d-divorzju u/jew il-hall taz-zwieg ikkuntrattat bejn il-kontendenti fl-14 ta' Dicembru 1989;*

2. *Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku biex jirregistra d-divorzju u.jew il-hall taz-zwieg fir-Registru Pubbliku.*

*Bl-ispejjez kontra l-intimata.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta ta' FM, datata 21 ta' Dicembru 2019, a fol 9 et seqq., li taqra hekk:

1. *Illi l-partijiret izzewwgu nhar 14 ta' Dicembru tas-sena 1989 hekk kif indikat f'Dok A anness mar-rikors promotur;*

2. *Illi z-zwieg bejn il-partijiet tkissser u l-partijiet waslu sabiex isseparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni fl-atti tan-Nutar Dr. Margaret Heywood datat 06 ta' Mejju 2003;*

3. *Illi l-esponenti taqbel mar-raba' premessa illi huma ilhom separati de jure ghal madwar hmistax il-sena u li ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghall-rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;*

4. *Illi in rigward il-manteniment f'Artikolu 4 tal-istess kuntratt ta' separazzjoni l-partijiet ddekadew milli jitlobu manteniment lil xulxin u b'hekk ma hemm l-ebda manteniment dovut;*

5. *Illi ghalhekk jidher li hemm ir-rekwiziti kollha skont il-Ligi sabiex din l-Onorabbli Qorti tiddikjara d-divorzju bejn il-partijiet u f'tali cirkostanzi l-*

> *esponenti mhux qed topponi ghat-talbiet attrici <u>salv ghal l-kap tal-ispejjez li ma ghandhiex thallashom l-esponenti gialadarba huwa l-attur li qed jitlob li jigi dikjarat d-divorzju bejn il-partijiet.</u>*
>
> *Bl-ispejjez kontra l-attur.*

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta

**Ikkonsidrat:**

**FM** xehdet a fol 15 *et seqq* illi l-partijiet izzewgu fl-14 ta' Dicembru 1989 u kienu ottjenew s-separazzjoni legali fis-6 ta' Mejju 2003 permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali. Xehdet illi ghalhekk il-partijiet ilhom separati ghal aktar minn hmistax -il sena. Qalet illi m'hemm l-ebda pendenzi ta' manteniment, u li m'hemm l-ebda tama ta' rikonciljazzjoni.

**RC** xehed a fol 18 *et seqq* u kkonferma u kkorobora ix-xhieda tal-intimata.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
> ***[...]***
>
> ***66B. * Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa***

***flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***

***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***[...]***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi wara z-zwieg taghhom tal-14 ta' Dicembru 1989 (vide Dok A certifikat taz-zwieg a fol 3), illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt datat 6 ta' Mejju 2003 fl-atti tan-Nutar Dr Margaret Heywood, debitament awtorizzat mill-Qorti (vide Dok B a fol 4 et seqq.), u ilhom jghixu separatament ghal aktar minn erba' snin.

Jirrizulta ukoll m'hemmx pendenzi rigward hlas ta' manteniment bejn il-partijiet.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrent irnexxilu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar mill-**

**llum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**L-ispejjez ghandhom jibqu' minghajr taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**